MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 3/2010

**John Mercieca**

**Vs**

**Av. Michelle Tabone fil-kwalita' taghha ta' Ekonomu ta' l-Eccellenza tieghu Monsinjur Arcisqof Pawl Cremona fil-kwalita' tieghu ta' Amministratur tal-Kurja Arciveskovili ta' Malta u tal-Beni tal-Entijiet Ekklesjastici ta' Malta annessi mal-istess Kurja u tal-Giuspatronat Lajkali ta' Sant'Antnin Abbati delli Navarra kif ukoll Richard Stagno Navarra bhala attwali pussessur tal-imsemmi Giuspatronat Lajkali ta' Sant'Antnin Abbati delli Navarra u b'digriet tal-31 ta' Awwissu 2010 saret trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem James Stagno Navarra f'ismu proprju u bhala mantadatarju ta' hutu msefrin Peter Stagno Navarra u ta' Stephen Stagno Navarra, Adrian Stagno Navarra, patrick Stagno Navarra u Lorraine mart Manuel Portelli stante l-mewt ta' Richard Stagno Navarra fil-mori tal-kawza**

**Rikors guramentat.**

F'din il-kawza l-attur ippremetta li permezz ta' att pubbliku datat 26 ta' Jannar, 1891 fl-atti tan-Nutar Giuseppe Frendo Micallef, in Nobbli Manfrendo de' Conti Stango Navarra f'isem il-Giuspatronat Lajkali ta' Sant Antonio Abbati delli Navarra ta b'enfitewsi temporanja lil Antonio Bartolo, iben Angelo, imwieled u residenti Qala, Ghawdex u Giuseppe Bartolo, bin il-mejjet Giovanni, imwieled u residenti n-Nadur, Ghawdex, art maghrufa bhala tal-Margia fil-Qala, Ghawdex, kif tinsab deskritta ahjar fl-istess kuntratt, u dana versu c-cens ta' tlettax-il lira sterlina u hmistax-il xelin fis-sena.

Sussegwentement l-utli dominju ta' l-imsemmija art ghadda f'idejn Maria Antonia Mercieca, cioe' l-ewwel mara ta' l-attur, illum mejta.

L-imsemmija Maria Antonia Mercieca mietet minghajr testament fis-6 ta' Novembru, 1983, u ghaldaqstant wirtu kollox id-dixxendenti taghha, salv ghall-uzufrutt u drittijiet ohra riservati mil-ligi a favur l-attur.

Permezz ta' kuntratt ta' qasma datat l-20 ta' Jannar, 1987, fl-atti tan-Nutar Michael Refalo, l-eredi ta' Maria Antonia Mercieca qasmu bejniethom l-wirt, inkluz l-utli dominju ta' l-art tal-Margia msemmija aktar il-fuq.

Ai termini ta' l-istess kuntratt ta' qasma, parti mill-art tal-Margia tal-kejl ta' cirka elf tlett mija erbgha u tletin metru kwadru (1,334 m.k.), konsistenti f'dar u ghalqa maghha u maghrufa ahjar bhala 103, Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex, illum konfinanti mit-tramuntana ma' Triq l-Immakulata Kuncizzjoni, lvant u nofsinhar ma propjeta' ta' l-ahwa Camilleri u punent ma' propjeta' ta' l-eredi ta' Anthony Buttigieg, messet lil Raymond u Joseph ahwa Mercieca, ulied l-attur.

Dina proprjeta' cioe' dik f'103, Triq il-Kuncizzjoni, Qala u l-ghalqa ta' maghha, kienet tifforma id-dar matrimonjali ta' l-

attur illi fiha kien, flimkien ma' martu Maria Antonia, rabba lil uliedhom. Illi l-attur baqa' jghix u jokkupa din id-dar minghajr interruzzjoni ukoll wara illi mietet martu Maria Antonia fl-1983 u ghadu jghix fiha sal-gurnata tal-lum.

L-enfitewsi temporanja fuq l-art tal-Margia surreferita, inkluz l-parti illi qed jokkupa l-attur kif premess skadiet, u fil-gurnata meta skada l-istess cens, l-attur kien jokkupa id-dar u l-art surreferita bhala r-residenza ordinarja tieghu.

L-attur huwa cittadin ta' Malta u ghalhekk bis-sahha ta' l-Ordinanza ta' l-1959 dwar it-Tnehhija tad-Djar mill-Kontroll, ossia l-Kap. 158 tal-Ligijiet ta' Malta, l-attur ghandu l-jedd illi jikkonverti dan ic-cens f'wiehed perpetwu, taht l-istess kundizzjonijiet ta' l-enfitwesi temporanja surreferita, ghajr ghaz-zmien ghal kemm ghandu jkun ic-cens – liema zmien ghandu issa jkun perpetwu, u ghall-ammont tac-cens pagabbli illi, f'dan il-kaz ghandu jkun (6) darbiet daqs dak originali fis-sena, rivedibbli darba kull hmistax il-(15) sena skont l-indici ta' l-inflazzjoni stabbilit ai finijiet ta' l-istess ligi.

Ghalhekk talab lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara illi l-attur ghandu d-dritt illi jikkonverti l-enfitewsi temporanja gravanti fuq il-propjeta' illum konsistenti fid-dar 103, Triq il-Kuncizzjoni, Qala u fl-art ta' maghha f'enfitewsi perpetwa taht l-istess kundizzjonijiet ta' l-enfitewsi originali barra z-zmien illi ghandu jkun perpetwu u c-cens illi ghandu jkun sitt darbiet daqs dak originali, rivedibbli darba kull hmistax-il (15) sena skond l-indici ta' l-inflazzjoni stabbilit ghall-finijiet tal-ligi surreferita.
2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jersqu ghall-pubblikazzjoni ta' l-att pubbliku opportun illi permezz tieghu ssehh din il-perpetwazzjoni.
3. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika dan l-att f'dak il-jum, hin u post illi jigu iffissati minn dina l-Onorabbli Qorti, u tahtar kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuti.

**<u>Risposti Guramentati.</u>**

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fl-4 ta' Frar 2010 **l-avukat Michelle Tabone nomine** (fol. 45) eccepiet illi:-

1. Fl-ewwel lok, il-konvenut Richard Stagno Navarra mhux legittimu kontradittur stante li la ghandu r-rapprezentanza tal-Guspatronat mertu ta' din il-kawza u wisq anqas ghandu xi jedd li jippossjedih.

2. Il-provvediment tal-Kap 158 tal-ligijiet ta' Malta li fuqhom qieghed jibbaza l-azzjoni tieghu l-attur huma lezivi tad-disposizzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem kemm kif enuncjati fil-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta kif ukoll fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Difatti gie hekk iddikjarat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) in **re Mario Galea Testaferrata v Prim Ministru et** 03.10.2000 – u – **Paola Vassallo v. Marija Dalli** – 30.10.2008 P.A. (R.C.P.) u ricentement mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza deciza fis-7 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet **Josephine Bugeja et vs Avukat Generali et,** u ghalhekk tapplika wkoll ghall-partijiet f'din il-kawza.

3. Fi kwalunkwe kaz billi hemm pendenti kawzi b'mertu identiku quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili li huma differiti ghas-sentenza, jkun opportun li din l-Onorabbli Qorti tissoprassjedi sakemm ikun hemm pronunzjament minn dik il-Qorti fir-rigward.

4. Fin-nuqqas li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-tieni eccezzjoni, l-eccipjenti umilment jitolbu li ssir riferenza tal-punt kostituzzjonali lill-Prim Awla' tal-Qorti Civili.

5. Minghajr pregudizzju ghas-suepost, jinkombi fuq l-attur li jipprova li l – fattispecje substrat tal-azzjoni taghhom jinkwadraw ruhhom fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap 158 tal-Ligijiet ta Malta.

6. Il-Kap 158 (Art. 12(2)) japplika biss meta dar t'abitazzjoni tkun inghatat b'enfitewzi tempronja mentri fil-

kaz prezenti b'enfitewzi temporanja ma nghatatx dar ta' residenza imma biss porzjon art.

Rat ir-risposta guramentata tal-4 ta' Marzu 2010 minn **Richard Stagno Navarra** (fol. 55) bhala attwali pussessur tal-imsemmi Giuspatront Lajkali ta' Sant'Antnin Abbati della Navarra eccepixxa illi:-

1. Qabel xejn l-esponenti jixtieq jirrileva illi l-konvenuta Dottor Michelle Tabone nomine ma ghandhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-Giuspatronat Lajkali ta' Sant'Antnin Abbati della Navarra, u ghalkemm ghal xi zmien il-Kurja kienet tamminstra dan il-giuspatronat tali ammistrazzjoni kienet wahda bla ebda titolu. Ir-rapprezentanza gudizzarja ta' tali Giuspatronat tispetta unikament u esklussivament lill-esponenti, u ghalhekk il-prezenza tal-Avukat Michelle Tabone f'din il-kawza ghal kollox barra minn lokha.

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti jirrileva illi d-disposizzjoni tal-ligi illi fuqha l-atturi qeghdin jibbazaw it-talbiet taghhom giet illum dikjarata anti-kostituzzjonali b'sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, u ghalhekk it-talbiet tal-atturi kif intavolati ma jistghu qatt jirnexxu.

3. B'riferenza ghal kull paragrafu tar-rikors guramentat l-esponenti jiddikjara illi f'dan l-istadju huwa la jista' jikkonferma u lanqas jichad id-dikjarazzjonijiet tal-atturi, u jirrizerva illi jaghti spegazzjoni aktar dettaljata fuq dawn il-punti wara li jkun ra u ezamina aktar fid-dettal id-dokumenti u x-xhieda u provi ohra prodotti mill-atturi.

**<u>Fatti.</u>**

1. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti:-

a. B'kuntratt li sar fis-26 ta' Jannar 1891 fl-atti tan-nutar Dr Giuseppe Frendo Micallef, in-Nobbli Manfredo dei Conti Stagno Navarra f'isem il-Guspatronat Lajkali ta' Sant Antonio Abbati delli Navarra kkonceda enfitewsi temporanja lil Antonio Bartolo u Giuseppe Bartolo

solidalment bejniethom, porzjon art maghrufa bhala tal-Margia, Qala, Ghawdex ghal cens ta' tlettax-il lira u hmistax il-xelin kull sena b'kejl ta' tletin tomna u zewg mondelli. L-enfitewsi kienet ghall-perjodu ta' 99 sena li bdiet mill-15 ta' Awwissu 1891.

b. L-attur hu r-ragel ta' Maria Antonia Mercieca li mietet fis-6 ta' Novembru 1983.

c. Fuq parti mill-art inbena l-fond numru 103, Triq il-Kuncizzjoni, Qala, Ghawdex. Din id-dar kienet ir-residenza tal-attur u martu, u baqa' jghix fiha wara l-mewt taghha. Fin-nota guramentata prezentata fit-2 ta' Frar 2010 (fol. 36) spjega li l-fond inbena qabel l-1946 meta *"..... l-proprjeta kienet tikkonsisti fi ftit kmamar u f'medda t'art ta' maghha. Illi hekk kif bdew igerrbu s-snin, l-attur zied xi kmamar u ghamel xi alterazzjonijiet f'dina l-proprjeta sabiex dina tkun aktar komda ghaliha u l-familja tieghu (dana kollu sar qabel ma skadiet dina l-koncessjoni enfitewtika). Illi l-attur dahal jghix f'dina il-proprjeta bhala r-residenza ordinarja tieghu lura fl-1946, wara illi zzewweg lil Maria Antonia Mercieca, u kien jghix fiha meta skada dac-cens."*.

d. B'kuntratt ta' qasma li sar bejn ulied Maria Antonia Mercieca fl-20 ta' Jannar 1987 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo, il-fond oggett ta' din il-kawza gie assenjat lil Joseph u Raymond ahwa Mercieca. L-attur kien parti ghal dan il-kuntratt, mhux bhala wiehed mill-kondividenti imma deher bhala mandatarju ta' wliedu Joseph, Emanuel u Raymond Mercieca. Deher ukoll f'ismu personali u rrinunzja ghad-drittijiet kollha tieghu kemm fuq il-benefikati li setghu saru u ghal kwalsiasi dritt fuq eredita' ta' martu. Pero' zamm id-dritt ta' uzu gratuwitu ghal tul hajtu tal-proprjeta.

e. L-enfitewsi skadiet f'Awwissu 1990.

f. L-attur irid li b'applikazzjoni tal-Artikoli 12(5) tal-Kap. 158 jikkonverti l-koncessjoni enfitewtika f'wahda perpetwa. Ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attur qal li t-talbiet tieghu huma bazati fuq l-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158, mill-provi ma rrizultax li f'xi zmien qabel ghalqet l-enfitewsi, kien enfitewta kif definit fl-istess ligi. Fir-rikors guramentat l-attur stess ippremetta li ***".... l-utili dominju ta' l-imsemmija art ghadda f'idejn Maria Antonia Mercieca, cioe' l-ewwel mara ta' l-attur, illum mejta."***,

u li wara l-mewt ta' martu fis-6 ta' Novembru 1983 wirtuha kollox uliedha bi dritt ghall-uzufrutt ghalih. L-istess jirrizulta min-nota li pprezenta fit-2 ta' Frar 2010. Ghalhekk hu evidenti li jippretendi li ghandu dritt jibqa' jokkupa l-fond b'titolu ta' enfitewsi perpetwa bhala l-persuna li kienet tokkupa l-fond fiz-zmien li skadiet il-koncessjoni u peress li l-enfitewa ma ezercitax id-dritt fi zmien sitt (6) xhur minn meta skadiet il-koncessjoni.

g. L-attur qieghed jippretendi li fuq il-proprjeta' meritu tal-kawza kien dovut cens ta' €2.36 kull sena. Kalkolu li wasal ghalih ghaliex fuq l-art ta' Margia kien qieghed jithallas cens ta' €25.62 (ekwivalenti ghal Lm11) skond ricevuti mahruga f'isem martu Maria Antonia Mercieca[1], u li skond il-kuntratt ta' qasma tal-20 ta' Jannar 1987 (fol. 25) fiha kejl ta' 14,459 metri kwadri.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

1. Fis-seduta tal-5 ta' Marzu 2010 gie verbalizzat:-

***"Il-partijiet qeghdin jaqblu li f'dan l-istadju ghandhom jigu trattati dawn il-materji:***

***1. Jekk il-Kap. 158 japplikax ghal dan il-kaz (ara eccezzjoni 6 tal-Kurja).***
***2. Jekk is-sentenzi li nghataw mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili sede Kostituzzjonali u mill-Qorti Kostituzzjonali japplikawx jew jorbtux ukoll ghall-kaz odjern (ara eccezzjoni tal-Kurja u l-konvenut Richard Stagno Navarra)."***.

Hu fatt li bhalissa hemm kawza fl-ismijiet **Joseph Aquilina nomine vs Richard dei Conti Stagno Navarra** (Citaz. Numru. 584/1992) deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-19 ta' Frar 2010 , fejn fost affarjiet ohra qieghed jigi kontestat id-dritt tal-konvenut li jkun l-imsejjah fuq il-Beneficcju ta' Guspatronat Lajkali ta' San Antonio Abbate delli Navarra. Bhalissa l-kaz pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. Madankollu dik il-kawza mhi ser taghmel l-ebda

[1] Ara kopja ta' ricevuti ghas-snin 1985 sa 1990 (fol. 38-43).

differenza ghall-konvenuti in kwantu fil-kawza odjerna qeghdin jigbdu l-istess habel u fuq l-istess naha. Fil-fatt fl-istess seduta gie dikjarat li *"hemm qbil ukoll li f'dan l-istadju l-kwistjoni dwar min hu legitimu kontradittur ghandha tibqa' impregudikata peress illi ghadha kif inghatat setnenza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili dwar il-guspatronat lajkali ta' Sant'Antnin Abbati degli Navarra u ghadu ghaddej it-terminu tal-appell."*. Fil-fatt jirrizulta li l-appell sar.

2. L-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 jaghti d-dritt lill-enfitewta li *"meta taghlaq **enfitewsi temporanja ta' dar ta' abitazzjoni** okkupata minn cittadin Malti bhala residenza ordinarja tieghu"*, u li tkun enfitewsi li saret qabel il-21 ta' Gunju 1979 ghal iktar minn tletin (30) sena, jikkonverti dik l-enfitewsi f'wahda perpetwa fi zmien sitt xhur minn meta taghlaq dik l-enfitewsi. Jekk l-enfitewta ma jezercitax dan id-dritt fl-imsemmi terminu, in forza tal-Artikolu 12(5) dak id-dritt ighaddi ghand min ikun qieghed jokkupa d-dar ta' abitazzjoni. M'hemmx dubju li f'dan il-kaz bilfors li l-attur irid jibbaza ruhu fuq dan il-provvediment, sabiex ikun jista' jirnexxi fit-talbiet. Dan peress li mill-atti rrizulta li t-terminazzjoni tal-enfitewsi sehhet f'Awwissu 1990, u t-terminu ta' sitt xhur skada minghajr ma gie ezercitat il-jedd skond l-Artikolu 12(4).

3.**<u>L-ewwel kwistjoni</u>** li ser tigi trattata hi dwar jekk l-Artikolu 12(4) u 12(5) tal-Kap. 158 japplikawx meta l-koncessjoni originali kienet ta' art u fil-kors tal-enfitewsi nbniet dar ta' abitazzjoni. Materja li diga' giet trattata fil-kawza fl-ismijiet **Mary Vella et vs Josephine Bugeja et** deciza mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru 2001 u li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-ewwel qorti fil-11 ta' Gunju 1993[2]. Il-Qorti tal-Appell qalet:-

*"il-bini kostruwit mill-atturi fil-kors tal-koncessjoni enfitewtika acceda verament ma' l-art illi fuqha inbena bir-rizultat illi sar parti integrali mill-koncessjoni enfitewtika u*

[2] Prim'Awla tal-Qorti Civili preseduta mill-Imhallef Joseph Said Pullicino.

*bir-rizultat ukoll, illi meta t-terminu tal-koncessjoni enfitewtika skada, intemmet mhux biss l-enfitewsi temporanja ta' l-art kif koncessa originarjament, imma anke dik tal-fondi kollha mibnija fuqha……kif spjegat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, bl-effett ta' l-operazzjoni tal-ligi stess, ghall-fini ta' koncessjoni enfitewtika, l-art u l-bini li gie kostruwit fuqha saru haga wahda u essenzjalment inxindibbli."*.

Rilevanti huma l-konsiderazzjonijiet li ghamlet l-ewwel qorti u li fuqhom ibbazat id-decizjoni taghha li l-Artikolu 12(4) tal-Kap. 158 japplika wkoll fejn meta nghatat l-enfitewsi temporanja kien ghad m'hemmx dar ta' abitazzjoni mibnija:-

a. Id-distinzjoni fil-kliem li ntuza fl-Artikolu 12(2) u 12(4) tal-Kap. 158. Filwaqt li l-Artikolu 12(2) japplika ***"Meta dar ta' abitazzjoni tkun inghatat b'enfitewsi temporanja"***, l-Artikolu 12(4) japplika ***"Meta taghlaq enfitewsi temporanja ta' dar ta' abittazzjoni…."***;

b. Il-fatt li meta tinbena dar ta' abitazzjoni fuq art li tkun inghatat b'enfitewsi temporanja, dak il-bini jaccedi mal-art li fuqha jkun inbena. Meta taghlaq l-enfitewsi jintemm mhux biss l-enfitewsi tal-art izda wkoll tal-bini.

c. Fid-dawl tad-dibattiti li kienu saru fil-Kamra tar-Rapprezentanti fir-rigward tal-Att XXIII tal-1979, hu evidenti li l-ligi kienet mahsuba sabiex tkopri wkoll kazijiet fejn l-enfitewsi kienet biss ta' art u wara tinbena dar fuqha. Il-qorti ghamlet riferenza ghal siltiet mid-dibattiti parlamentari, partikolarment dak li qal il-Ministru Joseph Cassar li kien qieghed jippolita din il-ligi, li jaghtu prova li l-Gvern tal-gurnata ried li l-emenda tapplika wkoll fejn originarjament il-koncessjoni kienet ta' art u fil-kors tal-enfitewsi nbniet dar[3]. M'hemm xejn hazin li l-qorti rriferiet

---

[3] F'dan il-kuntest F'seduta numru 305 tal-Kumitat (25 ta' Lulju 1979) il-Ministru Cassar spjega ki meta enfitewsi temporanja taqbez it-tletin (30) sena hi normalment ghal disgha u disghajn (99) sena jew iktar; *"U ahna dehrilna li dawn, hafna minnhom kienu artijiet li jinghataw b'cens – veru baxx ghal kollox kien baxx 99 sena ilu, jew 100 sena ilu – bi cnus baxxi, **imbaghad saru l-benefikati** – anzi jkun hemm obbligu f'hafna cnus li jsir benefikat – dawn isiru benefikati ta' bini li wkoll kienu jiswew ftit, il-benefikati li saru dak inhar, li llum dawn kibrbu u saru x'jismu. Issa daqskemm hi ingustizzja, wiehed jista' jargumenta li hi ingustizzja li tghid li llum lil dak li ta c-cens 100 sena ilu, int se thallihulu issa, biss*

ghad-dibattiti. Interessanti dak li qal Lord Denning M.R. fil-kawza **Davis v Johnson** deciza mill-Qorti tal-Appell: *"Some may say – and indeed have said – that judges should not pay any attention to what is said in Parliament. They should grope in the dark for the meaning of an Act without switching the light. I do not accede to this view….. And it is obvious that there is nothing to prevent a judge looking at these debates himself privately and getting some guidance from them. Although it may shock the purists. I may well confess that I have sometimes done it. I have done it in this very case. It has thrown a flood of light on the position."*.

Min-naha tal-konvenuti ma ressqu l-ebda argument li jista' jwassal lil din il-qorti sabiex tiskarta l-fehma espressa mill-qorti fil-kawza fuq imsemmija.

4.**It-tieni kwistjoni** li ser tigi trattata hu dwar l-effett li jista' jkollhom fuq din il-kawza s-sentenzi li nghataw fil-kawzi:-

a) **Mario Galea Testaferrata et vs Il Prim Ministru** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'sede kostituzzjonali[4] fit-3 ta' Ottubru 2000 u li fl-istadju tal-appell giet dikjarata dezerta. L-ewwel qorti kienet iddikjarat li l-Artikoli 12(4) u (5) tal-Kap. 158 jiksru d-drittijiet kostituzzjonali tar-rikorrenti kif protetti bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u ghalhekk dik il-Qorti ddikjarat dawk id-disposizzjonijiet **nulli u bla effett**. Decizjoni li kellha effett dirett fil-mod kif gew decizi l-kawzi:-

**I) Paola sive Pawlina Vassallo vs Marija Dalli deciza mill-Prim'Awla tal'Qorti Civili fit'30 ta' Ottubru 2008, fejn inghad:** *" …l-artikoli tal-ligi illi fuqhom tistrieh u hija dipendenti t-talba rikonvenzjonali tal-*

---

*joghla sitt darbiet….. daqstant iehor allura* ***bl-istess argument tghid li tkun ingustizzja li dak li ghamel benefikat fuq bicca art tieghek 100 sena ilu, li kienet tiswa Lm50, issa se ssir eluf, tieghu, proprjeta' tieghu. Ahna ghidna this is not the intention. …. Socially, dan il-koncett – li allura kien accettat 100 sena ilu – dan socially mhux accettat izjed****. U ahna dehrilna li ghandu jkun hemm perpetwita' fiha din,* ***daqslikieku fl-intenzjoni tal-partijiet kien hemm il-perpetwita."*** (enfazi tal-qorti).

[4] Imhallef Raymond Pace.

*konvenuta (u cioe' l-artikolu 12(4) u 12(5) tal-Kap. 158 tal-Liigijiet ta' Malta) gew dikjarati nulli u bla effett mill-Qorti Kostituzzjonali bis-sahha tas-sentenza taghha tat-3 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet "Mario Galea Testaferrata et. versus Il-Prim Ministru et, deżerta fl-appell fis-16 ta' Ottubru 2006 u, kwindi l-ebda (wahda) mit-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta m'ghandhom jintlaqghu minn din il-Qorti."*. Il-qorti kompliet tghid: *".....konsistentement ma' dak li jinghad fl-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni, meta l-Qorti ssib li xi ligi tikser il-Kostituzzjoni jew xi dritt fundamentali mhares minnha jew mill-Konvenzjoni, ma jidhirx li jkun sewwa li dik il-ligi tibqa' tithaddem jew jinghataw bis-sahha taghha rimedji lil xi parti f'kawza, bla ma l-qorti nnifisha tkun qieghda, bit-thaddim ta' dik l-istess ligi, tikser ukoll il-Konvenzjoni jew Kostituzzjoni."*.

**II) Sentenza parzjali fil-kawza Estelle Azzopardi et vs Michelina Said deciza fis-27 ta' Jannar 2010 li nghatat minn din il-qorti diversament presjeduta.** Fis-sentenza l-qorti kkonkludiet li s-sentenza li nghatat fil-kawza **Mario Galea Testaferrata et vs Il Prim Ministru** tapplika *erga omnes*.

Jirrizulta li fil-15 ta' Marzu 2007 giet prezentata kawza fl-ismijiet: **Il-Prim Ministru et vs Nicholas Jensen et** (Rikors numru: 300/2007) fejn il-Gvern qieghed jitlob dikjarazzjoni li s-sentenza li nghatat fit-3 ta' Ottubru 2000 hi nulla ghaliex fil-mori tal-kawza kien miet wiehed mill-partijiet minghajr ma saret it-trasfuzjoni tal-gudizzju, u ghalhekk qieghed jitlob lill-qorti sabiex thassar u tannulla l-istess sentenza. Kawza li ghadha qeghda tinstema' quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u differita ghas-7 ta' Ottubru 2010.

b) **Josephine Bugeja vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Dicembru 2009. Il-qorti kkonkludiet li ghal kaz partikolari li kellha quddiemha, l-Artikoli 12(4), (5) u (6) kienu jilledu d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta taghhom kif protetta bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u konsegwentment iddikjarat minghajr effett

u mhux ezegwibbli s-sentenza li nghatat fil-kawza **Mary Vella et vs Josephine Bugeja et** (hawn fuq citata). Il-Qorti Kostituzzjonali spjegat li l-Artikoli 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 m'humiex tehid forzat ta' proprjeta izda **kontroll ta' uzu ta' proprjeta li jaqa' taht il-parametri tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja, u mhux tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**. Il-qorti ghamlitha cara li ghalkemm il-Konvenzjoni taht l-Artikolu 1 ma tipprovdix espressament ghall-ghoti ta' kumpens fejn ikun hemm interferenza fit-tgawdija ta' proprjeta tal-privat, *"dan id-dritt huwa insitu fil-protezzjoni moghtija mill-istess Konvenzjoni, u huwa wkoll rikonoxxut in bazi ghall-principju ta' the requirement of proportionality between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights."*. Fatt li juri kemm il-Konvenzjoni hi hajja li ghandha tigi ntepretata mehud in konsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet attwali. Imbaghad il-qorti ghaddiet biex tikkunsidra jekk fil-kaz in kwistjoni kenitx intlahqet din il-proporzjonalita' bejn l-interess generali tal-komunita u l-interess tal-privat ghat-tgawdija tal-proprjeta'. Il-konkluzjoni tal-qorti kienet bazata fuq il-konsiderazzjoni li f'dak il-kaz partikolari:

**i) Ic-cens annwu u perpetwu mal-konverzjoni kien ta' €33.84 fis-sena;**
**ii) Ic-cens jigi rivedut kull hmistax-il sena b'dan li ma ghandux ikun iktar mid-doppju tac-cens li kien qieghed jithallas, cjoe' €67.69 ;**
**iii) Jekk ic-cens jigi mifdi skond l-Artikolu 1501 tal-Kodici Civili mal-eghluq tal-ewwel 15 il-sena minn wara l-konverzjoni tat-titolu f'enfitewsi perpetwa, l-ammont li jircievi d-direttarju jkun ta' €1,353.83 u jkun dovut taxxa fuq il-qliegh ta' 12%.**

Il-qorti kompliet tispjega:- *"Inoltre, strettament dawk il-presupposti legali anke ghall-validita` tal-istess disposizzjonijiet (cioe` tal-Art. 12(4), (5) u (6)) ghadhom hemm fit-teorija, ghax kull ma qed jigi deciz bis-sentenza odjerna huwa li l-applikazzjoni ta' dawk id-disposizzjonijiet ghall-kaz konkret u ghall-fattispeci partikolari tal-istess kaz huma lezivi tad-dritt tal-appellanti.* ***B'fattispeci differenti***

***jista' facilment jirrizulta li ma jkun hemm ebda lezjoni simili."***. Ghalkemm hu minnu li l-Qorti Kostituzzjonali ma ttrattax direttament il-kwistjoni dwar x'konsegwenzi legali ghandha s-sentenza li nghatat fil-kaz ta' Galea Testaferrata, din il-qorti tifhem li l-messagg indirett hu li s-sentenza m'ghandix effett *erga omnes* u li l-Artikoli 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 ghadhom hemm. Minn qari tas-sentenza hu evidenti li l-Qorti Kostituzzjonali, ghalkemm ghamlet riferenza ghas-sentenza ta' Galea Testaferrata, ma hassitha bl-ebda mod marbuta biha. Rilevanti wkoll kif il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghal konkluzjoni differenti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali fil-kaz ta' Galea Testaferrata. Dan in kwantu filwaqt li kkonkludiet li l-Artikoli 12(4), (5) u (6) ma jivvjolawx l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fil-kaz ta' Galea Testaferrata l-qorti qalet li l-imsemmija provvedimenti huma nulli u bla effett ghaliex jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem skond l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-qorti m'hijiex tal-fehma li tista' tmur kontra ir-ragument li ghamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta' Bugeja.

Il-principju generali hu li: *"L-enfitewsi ghal zmien tispicca bl-eghluq taz-zmien miftiehem espressament, u l-fond bil-miljoramenti jintradd lill-padrun dirett ipso jure."* (Artikolu 1521[1] tal-Kodici Civili). Madankollu bl-emendi ntrodotti bl-Att XXIII tal-1979 ghall-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158), l-enfitewta li jkun cittadin Malti u juza d-dar bhala r-residenza ordinarja tieghu nghata d-dritt li fi zmien sitt xhur minn meta taghlaq l-enfitewsi temporanja jikkonverti l-enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-istess ligi. Dritt li wara li jiskadi t-terminu ta' sitt xhur inghata wkoll lill-okkupant minghajr ma gie mpost ebda zmien sabiex jaghmel talba simili. Fil-kaz taghna skond dak li ddikjara l-attur fin-nota li pprezenta fit-2 ta' Frar 2010 (fol. 36), dan ifisser li:-

a. Ic-cens annwu u perpetwu ikun ta' €14.16 kull sena ghall-perjodu ta' 15 il-sena, li hu sitt darbiet ic-cens li kien jithallas qabel issehh il-konverzjoni, u li skond l-attur kien ta' €2.36 fis-sena. L-attur ghamel dan il-kalkolu in kwantu mill-atti jirrizulta li kien jithallas cens ta' Lm11 (ekwivalenti ghal €25.62) u l-kejl tar-raba'

tal-Margia li minnha kellha Maria Antonia Mercieca kienet ta' 14,459 metri kwadri;

b. Wara hmistax-il sena jigi awmentat b'daqstant mic-cens, izda mhux iktar mid-doppju, u li jkun jirraprezenta bi proporzjon mieghu z-zieda fl-inflazzjoni minn meta c-cens ikun gie stabbilit l-ahhar. Ifisser li mal-ewwel awment ic-cens ma jistax ikun ta' iktar minn €28.32;

c. B'applikazzjoni tal-Artikolu 1501 tal-Kodici Civili qabel l-eghluq tal-ewwel hmistax il-sena, ic-cens ikun jista' jinfeda ghas-somma ta' €283.20.

Rajna wkoll kif il-proprjeta tikkonsisti f'art li l-kejl taghha hu ta' cirka 1,334 metri kwadri u li fuq parti minnha nbniet dar mill-attur u martu. L-attur isostni li s-sentenzi fuq imsemmija ma japplikawx ghal kaz taghna peress li l-Artikolu 237 tal-Kap. 12 jipprovdi li sentenza ma tista' tkun ta' ebda hsara ghal min ma jkunx parti f'kawza maqtugha b'sentenza. Ghamel wkoll riferenza ghas-sentenza ta' **Bugeja vs Avukat Generali**, hawn fuq citata, in kwantu f'dik is-sentenza l-qorti ghamlitha cara li l-konkluzjoni li waslet ghaliha kienet tapplika biss ghal dak il-kaz partikolari. Irrifera ukoll ghall-kawza **Vincent Cilia vs l-Onor. Prim Ministru** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2005 fejn il-qorti ddikjarat li sentenza dwar ksur ta' dritt fundamentali, kemm taht il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, **taghmel stat biss fil-konfront tal-partijiet fil-kawza, ukoll fejn bid-decizjoni jigi dikjarat li xi disposizzjoni ta' ligi hi nulla u minghajr effett**. Hu fatt ukoll li minn qari tal-Artikolu 242 jidher li hemm bzonn azzjoni min-naha tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Prim'Ministru sabiex jithassar il-provvediment tal-ligi jew ligi li tkun giet dikjarata li tmur kontra l-Kostituzzjoni jew l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319).

M'hemmx dubju li l-principju ta' *stare decisis* ma jifformax parti mill-ligi Maltija. L-istess dan il-principju ma japplikax ghal sentenza tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg li f'rapport fuq il *Wise Persons' Report*[5] addottat fit-2 ta' April 2007

[5] Rapport li sar wara li l-Kunsill tal-Ewropa waqqaf grupp biex jipproponi mizuri effettivi biex jaghmel iktar effettiv il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem.

osservat: *"Although its judgments do not, strictly speaking, have erga omnes effect all States should take due notice of judgments against other States, espercially judgments of principle,* ***thereby pre-empting potential findings of violations against themselves."***. Jekk minhabba n-nuqqas ta' dan il-principju kellu jinghad li sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali, li tkun iddikjarat certi principji mill-aspett ta' drittijiet fundamentali ta' bniedem fir-rigward ta' provvediment ta' ligi jew dwar ligi partikolari, tapplika biss bejn il-partijiet, dan jaghti lok ghal sitwazzjoni li mhi xejn felici ghall-izvilupp tal-ordni legali dwar id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. L-awtorita' tas-sentenzi li jinghataw mill-Qorti Kostituzzjonali lil hinn mill-effett li ghandhom bejn il-partijiet hi certament ghodda biex tizgura l-ahjar protezzjoni tad-drittijiet fundamentali f'Malta. Wiehed ma jridx jinsa li dawn is-sentenzi jinghataw kontra l-Gvern ta' Malta li normalment ikun rapprezentat mill-Avukat Generali (ara Artikolu 181B tal-Kap. 12). Il-qorti ma tistax tara kif qatt tista' tapplika provvediment tal-ligi li l-Qorti Kostituzzjonali tkun iddikjarat li jikser xi dritt fundamentali tal-bniedem kif protett taht il-Kostituzzjoni ta' Malta jew il-Konvenzjoni Ewropeja, anke jekk il-Kamra tad-Deputati jew il-Prim'Ministru ma jkunux hadu l-passi sabiex minnufih ihassru dak il-provvediment jew ligi. L-istess ragunament ghandu japplika fir-rigward ta' dawk is-sentenzi li wiehed jista' jirreferi ghalihom bhala sentenzi ta' principji. Hemm diversi ezempji fejn il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li provvediment tal-ligi jilledi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Hekk per ezempju huma kazijiet bhal **Il-Pulizija vs Onor. Perit Michael Falzon** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Settembru 1989 li kienet tittratta dwar id-dritt tal-imputat li jkun rapprezentat minn avukat tal-ghazla tieghu; **Paul Stoner et vs Onor. Prim'Ministru** deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta' Frar 1996 u li kien jittratta dwar l-*freedom of movement* f'Malta ghall-irgiel barranin li jkunu mizzewwgin cittadini Maltin; **Pig Breeding Company Limited vs Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' April 2006 fejn il-qorti ddikjarat null u bla effett il-proviso tal-Artikolu 35(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) li kien jipprovdi li min jappella minn stima tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni

lill-Bord ta' Kummissarji Specjali, irid qabel ihallas l-ammont ta' taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni; u **Ruth Debono Sultana et vs Dipartiment ghall-Standards fil-Harsien Socjali et** deciz mill-Qorti Kostituzzjonali b'sentenza li nghatat fit-3 ta' April 2009, dwar id-diskriminazzjoni fil-provvediment tal-ligi bejn koppji mizzewgin u persuna mhux mizzewwga f'kaz ta' adozzjoni.

Dan iktar u iktar meta tqies li:-

- **L-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni** – *"Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (7) u (9) ta' l-artikolu 47 u ta' l-artikolu 66 ta' din il-Kostituzzjoni, jekk xi ligi ohra tkun inkonsistenti ma' din il-Kostituzzjoni, din il-Kostituzzjoni ghandha tipprevali u l-ligi l-ohra ghandha, safejn tkun inkonsistenti,* ***<u>tkun bla effett.</u>****"*.
- **L-Artikolu 3(2) tal-Att XIV tal-1987** – *"(2) Fejn ikun hemm xi ligi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ghandhom jipprevalu, u dik il-ligi ordinarja ghandha, safejn tkun inkonsistenti,* ***<u>tkun bla effett.</u>****"*.

Fil-qosor il-principji li gew stabbiliti mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li nghatat fis-7 ta' Dicembru 2009, huma s-segwenti:-

a. Id-drittijiet moghtija permezz tal-Artikoli 12(4),(5) u (6) tal-Kap. 158 jikkostitwixxu biss kontroll dwar l-uzu tal-proprjeta (Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja), mehud in konsiderazzjoni li d-dritt moghti lill-enfitewta jigi mtawwal in perpetwu u d-drittijiet reali tal-padrun dirett baqghu mhux mittiefsa;
b. Ghalkemm l-Istat ghandu d-dritt li jikkontrolla l-uzu tal-proprjeta, irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-interess generali tal-komunita' u l-interess tal-privat ghat-tgawdija ta' hwjegu. B'dan il-mod l-intervent tal-Istat fit-tgawdija tal-proprjeta ma jkunx jammonta ghal vjolazzjoni tad-dritt protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll.
c. Proporzjonalita' tinkiseb bi hlas ta' kumpens.

d. Il-kumpens irid ikun adegwat, u ghal dan il-ghan trid tara x'inhu r-rizultat prattiku meta jigu applikati l-Artikoli 12(4), (5) u (6) ghal kaz partikolari. Fejn il-kumpens m'huwiex adegwat ma jkunx intlehaq il-principju ta' proporzjonalita' fl-applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Kap. 158[6].

Principji li gialadarba gew stabbiliti m'ghandhomx jinbidlu u li fil-fehma tal-qorti ghandhom jigu applikati f'kazijiet simili minghajr il-htiega li ssir xi riferenza jew kawza kostituzzjonali ohra. Dan hu mod iehor kif tigi assigurata c-certezza legali, ir-*rule of law* u l-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-kaz ta' Bugeja kienet il-Qorti Kostituzzjonali li stabbilit dawn il-principji ghal kazijiet ta' konverzjoni ta' enfitewsi temporanja f'wahda perpetwa skond il-Kap. 158, u l-qorti ma tarax li fil-futur l-istess qorti tista' taghti xi sentenza li tkun tghid mod iehor. Il-Qorti Kostituzzjonali tokkupa posizzjoni centrali fis-sistema legali Maltija fil-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Bla dubju l-konsistenza u c-certezza tal-ligi ghal dak li jikkoncerna d-drittijiet fundamentali tal-bniedem jiddependi l-iktar fuq din il-qorti. Jekk l-istess qorti komposta minn imhallfin differenti, ghaliex ma jezistix il-principju ta' *stare decisis* kellha tirrifjuta li ssegwi l-principji stabbiliti fil-kaz ta' Bugeja, zgur li jkun hemm riskju ta' konfuzjoni u dubju, fejn ghandu jkun hemm il-konsistenza u c-certezza. L-istess principji hawn fuq elenkati gew applikati mill-istess qorti fil-kawza **John Bugeja vs Il-Provincjali Riverendu Alfred Calleja nomine** deciza wkoll fis-7 ta' Dicembru 2009, meta l-qorti ikkonfermat li japplikaw *mutatis mutandis* ghal dak il-kaz[7].

Fil-fehma tal-qorti l-uniku domanda li trid tinghata twegiba ghaliha hi dwar jekk bil-valur tal-korrispettiv li jista' jircievi d-direttarju, kemm jekk hi l-Kurja jew Stagno Navarra,

---

[6] F'dan il-kuntest hu ferm rilevanti l-kumment li kien ghadda il-Professur G. De Marco (seduta 305 laqgha tal-25 ta' Lulju 1979) meta l-abbozz kien qieghed jigi diskuss fi stadju ta' kumitat:- *"**Kif, filli dan il-bniedem, il-proprjeta' se tiddevolvi fuqu u filli int se tgħidlu li se tagħtih sitt darbiet daqskemm kien iċ-ċens oriġinali. X'jiġifieri, mhux highway robbery legalizzat dan?! Għax m'hemm l-ebda raġuni soċjali warajha.** M'intix se tissimplifika xejn l-affarijiet. U tissimplifika b'ġustizzja qegħdin ngħidu, eh!"*.

[7] Ara para 27 tal-parti *"Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti"*.

b’rizultat ta’ l-applikazzjoni tal-Artikoli 12(4), (5) u (6) ghall-interferenza fil-proprjeta tieghu u li jikkonsisti f’kontroll ta’ uzu tal-istess proprjeta’, inzammx il-principju ta’ proporzjonalita’ f’dan il-kaz ? Din il-qorti m’ghandix dubju li l-maggior parti ta’ kazijiet li ghalihom japplikaw l-Artikoli 12(4), (5) u (6) tal-Kap. 158 ser ikunu simili jew kwazi identici ghal kaz ta’ Bugeja, u dan peress li japplikaw ghal enfitewsi temporanji antiki fejn ic-cens kien ikun f’ammont ta’ ftit flus. Pero’ in vista ta’ dak li ddikjarat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz ta’ Bugeja, il-qorti hi tal-fehma li tali ezercizzju ghandu jsir minn qorti b’kompetenza kostituzzjonali u mhux minn din il-qorti. Dan minkejja l-fatt li ghal din il-qorti l-kaz ma jhallix lok ghal xi stat ta’ incertezza. Jekk ir-risposta ghad-domanda hi “le”, allura jkun ifisser li l-provvedimenti tal-ligi fuq imsemmija jammontaw ghal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tad-direttarju ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta’ tieghu kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dikjarazzjoni li zgur li ma tistax taghmel din il-qorti li m’ghandix kompetenza li tikkunsidra materji ta’ natura kostituzzjonali.

Fic-cirkostanzi gialadarba hemm din il-kwistjoni ta’ natura konstituzzjonali, m’hemmx triq ohra ghajr li ssir riferenza skond ma jipprovdi l-Artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tichad is-sitt eccezzjoni tal-konvenuta Dr Michelle Tabone nomine bl-ispejjez kontra taghha.**

**2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta Dr Michelle Tabone nomine sa fejn qeghda tippretendi li s-sentenza Mario Galea Testaferrata vs Prim’Ministru deciza fit-3 ta’ Ottubru 2000, tapplika *erga omnes*. Bl-istess mod tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti l-ohra. Spejjez a karigu tal-konvenuti.**

**3. Tordna riferenza lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili (sede kostituzzjonali) sabiex tiddikjara jekk mehud in konsiderazzjoni l-principji li gew stabbiliti mill-Qorti**

**Kostituzzjonali fil-kawza Josephine Bugeja et vs Avukat Generali et deciza fis-7 ta' Dicembru 2009:-**

**i) F'dan il-kaz bil-korrispettiv li jista' jircievi d-direttarju, hu min hu, bl-applikazzjoni tal-Artikoli 12(4), (5) u (6) tal-Kap 158 ghall-interferenza fil-proprjeta tieghu u li jikkonsisti f'kontroll ta' uzu tal-istess proprjeta', inzammx il-principju ta' proporzjonalita' bejn il-htigijiet tal-komunita' in generali u dak tal-privat ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja ?**
**ii) Jekk f'dan il-kaz partikolari l-Artikoli 12(4), (5) u (6) jammontawx ghal vjolazzjoni tad-dritt fondamentali tal-appellanti ghat-tgawdija pacifika tal-proprjeta kif protett bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokkol tal-Konvenzjoni Ewropeja ?**

**Salv ghal dak li diga' nghad dwar spejjez, il-kumplament tal-ispejjez jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet.**

**Tordna li l-inkartament jintbaghat minnufih quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, u tiddiferixxi l-kawza *sine die* rijapuntabbli fuq talba b'rikors wara li jkun hemm ezitu defenittiv ghal kwistjoni li dwarha saret riferenza.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------